

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

5.5.2009

B6-0285/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura

imressqa minn Josep Borrell Fontelles

f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 għall-Atturi Mhux Statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp (Parti II: Proġetti fil-Mira)
(CMTD(2009)0387 – D004766/01)

B6-0285/2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 għall-Atturi Mhux Statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp (Parti II: Proġetti fil-Mira) (CMTD(2009)0387 – D004766/01)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 għall-Atturi Mhux Statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp (Parti II: Proġetti fil-Mira) (CMTD(2009)0387 – D004766/01)
 - wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fil-15 ta' April 2009 mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 ('Il-Kumitat tat-Tmexxija tal-Istrument dwar il-Koperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI)'),
 - wara li kkunsidra l-‘Evalwazzjoni Ġenerali ta’ Azzjonijiet li Jżidu l-Għarfien Pubbliku dwar Kwistjonijiet ta’ Żvilupp fl-Ewropa / Edukazzjoni dwar l-Iżvilupp (Riferenza KE Nru 2007/146962. Rapport Finali)²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2008 dwar l-isfida tal-politika tal-UE dwar il-koperazzjoni għall-iżvilupp għall-Istati Membri l-ġodda³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni⁴,
 - wara li kkunsidra r-Regola 81 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, fil-15 ta' April 2009, il-Kumitat tat-Tmexxija tad-DCI ivvota permezz ta' proċedura miktuba favur l-abbozz tal-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 għall-Atturi Mhux Statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp (Parti II: Proġetti fil-Mira) (CMTD(2009)0387 – D004766/01),
- B. billi, skont l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u l-Artikolu 1 tal-Ftehma tat-3 ta' Ġunju 2008 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, il-Parlament irċieva l-miżuri għall-implimentazzjoni tal-abbozz imressqa quddiem il-kumitat tat-tmexxija tad-DCI u r-

¹ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41

² http://ec.europa.eu/europeaid/where/worldwide/civil-society/documents/de_ar_evaluation2008.pdf

³ Testi adottati, P6_TA(2008)0097.

⁴ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

riżultati tal-votazzjoni,

- C. billi l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 jistipula li wieħed mill-objettivi tal-programm tematiku dwar atturi mhux statali u awtoritajiet lokali fl-iżvilupp huwa li ‘jiżdied il-livell tal-għarfien taċ-ċittadin Ewropew dwar kwistjonijiet ta' żvilupp u jiġi mobilizzat appoġġ pubbliku attiv fil-Komunità u fil-pajjiżi li mexjin lejn l-adeżjoni favur it-tnaqqis tal-faqar u l-istrateġiji ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi msieħba’,
- D. billi h̄dax-il Stat Membru qajmu tħassib fi ‘Stqarrija Konġunta tal-Istati Membri dwar l-Atturi Mhux Statali u l-Awtoritajiet Lokali tad-DCI’, li ntbagħatet lill-Kummissjoni fid-19 ta’ Marzu 2009, dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf il-finanzjament dirett (proċedura tal-‘proġett fil-mira’) tal-proġetti TRIALOG u DEEEP¹, li huma proġetti li ilhom fis-seħħ mill-1998 u l-2003 rispettivament, u minflok tobbligahom jieħdu sehem f’‘sejħa għal proposti’,
- E. billi l-‘Istqarrija Konġunta’ tal-h̄dax-il Stat Membru, inklużi disa’ Stati Membri ‘għodda’, twissi li ż-żmien tal-pjan tal-Kummissjoni li twaqqaf l-appoġġ dirett għat-TRIALOG u għad-DEEEP huwa l-‘iżjed wieħed konvenjenti’, ‘meta titqies is-sitwazzjoni finanzjarja attwali f’bosta Stati Membri ‘għodda’ u l-effetti li għandha fuq il-kapaċità tal-NGOs li jaħdmu u li jiżviluppaw’, u tesprimi tħassib li ‘jista’ jkun hemm lakuna fil-finanzjament li tista’ tagħmel ħsara lil dawn il-proġetti billi tikkawża t-telf ta’ staff ikkwalifikat kif ukoll ta’ kompetenza u ta’ networks li huma diġà stabbiliti’,
- F. billi tqajjem tħassib simili mill-President tal-Kumitat għall-Iżvilupp f’ittra bid-data tad-19 ta’ Marzu 2009, li rrimarkat li ‘l-kapaċità tal-informazzjoni u tal-bini fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp fl-Istati Membri l-għodda, u l-edukazzjoni għall-iżvilupp għall-pubbliku Ewropew kienu prijoritajiet kostanti għall-kumitat’, li talbet lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-Parlament ‘kriterji oġġettivi u trasparenti li fuqhom tiddeċiedi liema attivitajiet u proġetti jikkwalifikaw għal finanzjament dirett’, u li talbet ukoll li ‘l-implimentazzjoni ta’ din il-miżura proposta tiġi posposta b’mill-inqas sena sabiex tiġi evitata l-possibilità ta’ lakuni ta’ finanzjament u biex jiġi evitat li titpoġġa f’riskju t-tkomplija ta’ dawn il-proġetti’,
- G. billi l-‘Evalwazzjoni Ġenerali tal-Azzjonijiet biex Titqajjem il-Kuxjenza Pubblika dwar il-Kwistjonijiet ta’ Żvilupp fl-Ewropa / l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp’, imsemmija hawn fuq, tikkonkludi li ‘l-użu strateġiku ta’ proġetti mmirati għen biex jintlaħqu l-objettivi tal-programm tal-‘Ko-finanzjament mal-NGOs Ewropej għall-Iżvilupp’” u li d-‘DEEEP kien mekkaniżmu importanti ta’ koordinazzjoni biex jiżdied id-djalogu, jiġu promossi l-iskambju tal-aħjar Prattiki u għall-bini ta’ networks u sħubijiet fuq livell tal-UE u bejn pjattaformi nazzjonali u l-UE’, kif ukoll li ‘l-kontribut tat-TRIALOG fit-titjib tad-djalogu u fil-bini tal-kapaċità fil-ħidma tiegħu mal-Istati Membri l-għodda u mal-pajjiżi tal-adeżjoni kien effettiv’,
- H. billi l-programm TRIALOG jikkontribwixxi sabiex tiġi sodisfata l-ħtieġa, enfasizzata fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-13 ta’ Marzu 2008 dwar l-ifida tal-politika tal-UE tal-koperazzjoni għall-iżvilupp għall-Istati Membri l-għodda, għal strateġija ġenerali dwar il-

¹ DEEEP: ‘Skambju dwar l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp fl-Ewropa’ - <http://www.deeep.org/>
TRIALOG: ‘NGOs tal-Iżvilupp f’UE mkabbra’- <http://www.trialog.or.at/start.asp?ID=96>

komunikazzjoni u l-edukazzjoni sabiex tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' għarfien pubbliku tal-prijoritajiet tal-koperazzjoni għall-iżvilupp fl-Istati Membri l-ġodda, u l-programm DEEEP huwa t-tweġiba għall-appell tiegħu għal edukazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza msaħħa dwar l-iżvilupp fl-edukazzjoni Ewropea msemmija fl-istess riżoluzzjoni,

- I. billi, skont il-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi wkoll li talloka għotja diretta għall-proġett għat-'Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Kubani ta' Maniġment', li għandu jiġi implimentat mill-Fondazzjoni Ewropea tal-Iżvilupp tal-Maniġment; billi, skont il-Programm Tematiku tad-DCI għall-Atturi mhux statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp, il-proċedura tal-proġett immirati qatt ma ntużat qabel għal attivitajiet f'pajjiżi sħab,
- J. Billi l-Kummissjoni sussegwentement haġġet 'Nota spjegattiva għall-kumitat DCI NSA-LA'¹ li fiha ċċarat il-kriterji tal-għażla għal azzjonijiet immirati, u spjegat li dawn huma bbażati fuq l-Artikolu 168 tar-regoli Implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju², u li, b'mod partikulari, jistgħu jingħataw għotjiet lil 'entitajiet b'monopolju de jure jew de facto' u 'għal azzjonijiet b'karatteristiċi speċifiċi li jeħtieġu tip partikulari ta' entità minħabba l-kompetenza teknika, il-grad għoli ta' speċjalizzazzjoni jew is-setgħa amministrattiva tagħha',
 1. Jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 għall-Atturi mhux statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp (Parti II: Proġetti Mmirati) (CMTD(2009)0387 – D004766/01) fil-forma attwali tagħha;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiċċara l-kriterji biex tiddetermina l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' 'monopolju de jure jew de facto', minħabba li, fid-'Dikjarazzjoni Konġunta' tagħhom, il-11-il Stat Membru jsemmu li, mill-perspettiva tal-Istati Membri l-ġodda, sitwazzjoni ta' 'monopolju de facto' għadha teżisti fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa madwar l-Ewropa mit-TRIALOG u mid-DEEEP;
 3. Jinsisti sabiex ikun hemm applikazzjoni miftuħa, trasparenti u diretta tal-kriterji għall-għoti ta' grants diretti għal proġetti mmirati sabiex ikun żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd; jinsisti, għaldaqstant, li l-istess kriterji għandhom jiġu applikati għat-TRIALOG, għad-DEEEP u għall-proġett dwar it-'Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Kubani ta' Maniġment';
 4. Jinsisti li, permezz ta' programm strateġiku fuq livell Ewropew, għandu jiġi żgurat li jkun hemm finanzjament kontinwu għall-attivitajiet fejjieda tal-promozzjoni tal-iskambji tal-aħjar prattiki, tal-bini tan-netwerks u ta' sħubijiet fuq livell tal-UE u bejn il-pjattaformi nazzjonali u l-UE, u sabiex jittejbu d-djalogu u l-kapaċità tal-bini fil-ħidma mal-Istati Membri 'ġodda' u mal-pajjiżi tal-adeżjoni;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq djalogu mal-Parlament fil-kuntest tar-reviżjoni

¹ AIDCO/F1/NC D(2009) tas-6.4.2009 (D004766-01-EN-02)

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom), Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-budget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

mistennija tagħha¹ tas-sistema tas-sejriet għal proposti għall-Programmi Tematiċi; iqis li ma jkunx xieraq li wieħed jantiċipa r-rakkomandazzjonijiet għal modifiki jew titjib tas-sistema li jistgħu jirriżultaw mir-reviżjoni; jappella, għaldaqstant, sabiex l-arranġamenti attwali dwar l-azzjonijiet iffinanzjati direttament ma jinbidlux għal perjodu ta' 12-il xahar, u sabiex kull bidla fil-ġejjieni tirrifletti l-eżitu tal-proċess ta' reviżjoni u tiżgura li jkun hemm attivitajiet ta' koperazzjoni għall-iżvilupp li jkunu fuq żmien fit-tul, prevedibbli u sostenibbli;

6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tadatta l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha li tistabbilixxi l-Programm Annwali ta' Azzjoni għall-2009 għall-Atturi mhux statali u għall-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp (Parti II: Proġetti Mmirati) (CMTD(2009)0387 – D004766/01) sabiex tinkludi proġetti fuq livell Ewropew sabiex iqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' żvilupp fl-UE mkabbra u sabiex ikun hemm skambju tal-edukazzjoni dwar l-iżvilupp fl-UE;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

¹ Il-proċess 'Palermo II'